MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 58/2003

**Massimo Borg**

**vs**

**Paul Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370) rappresentanti danni kkagjonati mill-konvenut fil-vettura ta'l-attur, u dana waqt incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta' Awissu 2002 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Kappara, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura bin-numru DAV 905 ghal liema incident awtomobilistiku, l-konvenut huwa unikament responsabbli stante negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sal-hlas effettiv kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-27 ta’ Jannar 2003, fejn huwa eccepixxa illi:
1. L-incident *de quo* ma garax tort tal-konvenut izda unikament bi htija ta’l-attur innifsu.
2. Ghalhekk, ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghal premess, l-attur ghandu igib l-prova tad-danni.
3. Inoltre ma hemmx lok ghal kundanna tal-konvenut ghal hlas tad-danni.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' x-xhieda ta’l-attur Massimo Borg u ta’ Rita Borg, Ex P.S. 441 Louis Micallef, Marvic Farrugia u tal-konvenut Paul Pace.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa ma jaqblux fis-sustanza taghhom u dana peress illi ghalkemm it-tnejn li huma jikkontendu illi kienu gejjin mill-istess direzzjoni u cioe’ gejjin mid-direzzjoni ta’ San Giljan u sejrin ukoll fl-istess direzzjoni u cioe’ fid-direzzjoni lejn l-Imsida, madanakollu ma jaqqblux dwar id-dinamika ta’ kif sehh l-incident.

Min-naha tieghu l-attur u martu li kienu t-tnejn fil-vettura fil-mument ta’l-incident jikkontendu illi fl-ebda mument qabel ma sehh l-incident huma ma kienu lemhu l-vettura tal-konvenut. Fil-fatt kienet mart l-attur li indunat b’din il-vettura hekk kif huma hallew ir-*roundabout*, indikat fuq l-iskizz bhala “known as ta’ tank tal-gass” a fol. 19 tal-process, u qabbdu il-parti fejn tibda ic-*centre strip*. Hija gibbdet l-attenzjoni ta’ zewgha li kienet gejja vettura min warajhom li kienet ser tibqa diehla fihom. Peress illi l-attur jikkontendi illi ma kellux spazju fejn imur sabiex jevita l-

kollizzjoni, l-vettura tal-konvenut baqghet diehla fuq l-parti tal-genb in-naha ta’ wara tal-vettura tieghu. L-attur jikkontendi illi huwa dejjem baqa’ isuq fuq l-istess karreggjata tat-triq u cioe’ baqa’ izomm man-naha tar-*roundabout*, bl-intenzjoni illi jaqad il-karreggjata man-naha tac-*centre strip*.

Il-konvenut u l-gharusa tieghu Marvic Farrugia, min-naha l-ohra jaghtu verzjoni kemmxejn differenti, ghaliex huma jikkontendu illi qabel ma sehh l-incident huma kienu weqfin mat-*traffic lights*, ghalkemm ma humiex certi ma’ liema sett ta’ dwal kienu weqfin. F’dan il-mument l-vettura ta’l-attur ma kenitx tidher. Kien biss hekk kif qallbu d-dwal u l-konvenut saq u kien wasal sabiex jabqad ic-*centre strip*, illi gie l-attur minn warajh u infiltra ruhu bejnu u bejn ic-*centre strip* sabiex b’hekk baqa’ diehel fih.  Il-konvenut jikkontendi illi huwa kien qieghed isuq fil-karreggjata tan-nofs u cioe’ fit-tieni *lane* min-naha tar-*roundabout*. Il-konvenut kellu hsara fuq il-*bumper* in-naha tas-sewwieq.

Illi minn naha taghhom, l-attur u martu ma jaqbblux ma’l-iskizz maghmul mill-pulizija esebit a fol. 19 tal-process u cioe’ mal-posizzjoni kif tidher wieqfa il-vettura ta’l-attur peress illi jikkontendu illi din il-vettura kienet wieqfa iktar vicin lejn ic-*centre strip* u kienet iktar imdawwra b’konsegwenza tad-daqqa li qalet il-vettura taghhom mill-vettura tal-konvenut.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti u min-natura tal-hsarat li garrbu il-vetturi rispettivi tal-partijiet jidher illi l-verzjoni moghtija mill-attur u martu hija wahda iktar verosimili. Illi l-attur jikkontendi illi huwa kien u baqa’ dejjem isuq fuq l-istess naha tat-triq u cioe’ fuq in-naha ta’ barra mar-roundabout u fl-ebda mument ma ipprova jintenta jaqbez ghal fuq xi karreggjata ohra. Inoltre kieku stess l-incident sehh kif jikkontendi l-konvenut, zgur illi l-attur kien jinduna bih jew jarah qieghed isuq quddiemu, haga li la hu u lanqas martu ma ighidu li sehh. Min-naha tal-konvenut, huwa lanqas biss kien cert ma’ liema sett ta’ dwal kien wieqaf ghalkemm jiftakar illi kien wieqaf mat-*traffic lights*. Li huwa cert hu, illi l-konvenut kien wieqaf fil-*lane* tan-nofs u ghalhekk meta huwa telaq minn mar-*roundabout* sabiex

jabqad it-triq id-dritta li tiehu lejn l-Imsida, huwa messu qaghad iktar attent qabel ma jidhol f'wahda mill-karreggjati li hemm f'din il-parti tat-triq u cioe' fuq il-karreggjata ta' barra jew ta' gewwa u dana billi jaccerta ruhu illi ma kenux gejjien vetturi min-naha ta' wara tieghu li kienu qeghdin isuqu kemm fuq in-naha ta' barra tieghu, kif ukoll fuq in-naha ta' gewwa. Anke kieku ghal grazzja ta'l-argument, ghalhekk, wiehed kellu jemmen il-verzjoni moghtija minnu, xortawahda kienet responsabbilta' tieghu sabiex jaghti sinjal car u inekwivoku lis-sewwieqa li ikunu gejjien minn warajh, liema karreggjata kien bi hsiebu jaqbad hekk kif jitlaq minn mar-*roundabout*.

Illi dwar il-quantum tad-danni, jirrizulta mid-Dokumenti esebiti u cioe' id-Dokumenti A, B u D, illi l-ammont mitlub huwa wiehed gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------